**9. Il-Ministru tal-Intern l-Onor. Tonio Borg jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi hu maħsub fl-artikolu 3 tal-Kap 268 tal-Liġijiet ta l Malta, Att dwar it-Trasferiment tat Artijiet tal-Gvern, illi art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (ukoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skont xi waħda mid-disposiżizzjonijiet tai-paragrafu (a), (b), (ċ), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartiklu li trasferiment, kif imsemmi qabel, jista' jsir 'skond *policy* applikabli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun isseħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi l-policy li qed tiġi proposta ghall-approvazzjoni tal-Kamra hija dik miġbura fid-dokument mehmuż ma' din ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova l-*policy* miġbura fid-dokument hawn anness għall-għanijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kap 268 tal-Liġijiet tal Malta, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u għall-għanijiet l-oħra kollha ta' l-istess Att.

24.10.98